# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA

## GERIKO JAQA' F'IDEJN IL-POPLU LHUDI

Malli waslu hdejn Geriko zewg spiji lhud dahlu biex jaraw x'kienet toffri l-belt u x'difiza kellha. Huma qaghdu ghand wahda mara jisimha



Rahab. Meta gharrfu s-sultan b'dan, is-sultan ordna biex jinghalqu bibien il-belt u minnhom hadd ma johrog jew jidhol.

Ordna wkoll li jmorru jfittxu lil dawn l-ispiji u jgibuhom quddiemu. Waslu fid-dar ta' Rahab u qalu lill-mara: "Fejn huma dawk il-lhud li gew hawn?"

Hi wegbithom li veru li kienu hemm, izda issa telqu u li jekk ihaffu l-pass ghandu jaqbduhom. Ftit qabel hija kienet stqarret maz-zewg lhud li Alla taghhom huwa Alla qawwi  u semghet li maghhom kien ghamel ghegubijiet kbar. Kemm-il darba helishom minn saram. Ghalhekk qaltilhom li hi ser tehlishom mis-saram li kien gej fuqhom ghaliex is-suldati kienu fil-qrib ifittxuhom. Ta' dan talbet li meta jidhlu fil-belt jehilsu lilha u kull min ikun fid-dar. Qalulha biex meta tara li l-armata lhudija dahlet filbelt ghandha idendel bicca hamra mit-tieqa u dan jkun ifisser li ebda suldat ma ser jaghmel hsara lil dik id-dar. Meta tawha l-kelma taghhom, hija ghagglet tellithom fuq il-kamra ta' fuq fejn kienet tahzen it-tiben u hbiethom hemm.

Meta s-suldati tas-sultan telqu ghal warajhom, hija nizzlithom mit-tieqa biex jaharbu minn fuq is-sur billi darha kienet tigi fuq is-swar.



Imma Alla qal lil Goswe': "Ara jiena tajtkom lil Geriko. Duru madwar il-belt bis-suldati darba u aghmlu hekk ghal sitt ijiem u fis-seba' jum ghandkom twettqu l-attakk."



Goswe’ ordna lin-nies biex iduru madwar il-belt bis-suldati armati quddiem l-Arka tal-Patt. “Dan aghmluh fis-skiet u ebda kelma ma ghandha tohrog minn fommkom sa dak il-jum li fih jien nghidilkom biex tghollu lehenkom  bl-ghajta tal-battalja.”



Huwa kkmanda li l-Arka tal-Patt tingarr madwar il-belt ghal darba u wara jirritornaw lura lejn il-kamp. Hekk ghamlu fit-tieni jum u komplew hekk ghal sitt darbiet. Fis-seba’ jum qamu kmieni fi tlugh ix-xemx u ghamlu dawra mal-belt bhas-soltu, imma din id-darba ghal seba darbiet. Mas-seba’ darba l-qassisin daqqew it-trombi u Goswe qal lill-poplu: “Ghajtu l-ghajta tal-gwerra ghaliex bis-sahha ta’ Alla l-belt hija taghkom.”

"Xejn tmissu jew tiehdu; Rahab u l-familja taghha ghandhom ikunu mehlusa mix-xabla ghaliex hi hbiet il-messaggiera li ahna baghtna u salvathom mill-mewt," ikkmanda Goswe lis-suldati tieghu. "Dan taghrfuh ghaliex taraw bicca hamra mdendla mit-tieqa taghha."

Malli l-poplu ghajjat l-ghajta tal-battalja, il-hitan ta' Gerico waqghu u l-armata lhudija dahlet fil-belt u hadet kontroll taghha.  Goswe' heles hajjet Rahab u l-familja taghha u kull ma kellha ghax dik kienet il-weghda li saritilha talli helset mill-mewt lill-messaggier lhud. Huma baqghu jghixu mal-Lhud sa ma mietu.